KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

TAS-SLIEMA

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SEBA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 13

It-tlettax il-laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 6 ta' Diċembru 2012 fit-18.05pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Vivianne Galea Pace | Viċi Sindku (Daħlet fis-18.35) |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Kristian Busietta | Kunsillier (Daħal fit-18.10) |
| | Mary Camilleri | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |
| **SKUZATI** | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Pierre Paul Portelli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Nicolai Gauci | Kunsillier |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ippropona l-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 11_8_11_2012 . Il-Kunsilliera M. Camilleri issekondat. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu.

*Approvazzjoni tal-minuti 11_8_11_2012*

*Daħal il-Kunsillier K. Busietta għas-seduta fit-18:10*

1.2 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tas-seduta 12_12_11_2012. Kien hemm korrezzjoni f'punt 1.3 fejn l-ammont ta' kenniesa għandu jitniżżel 'tmien

kenniesa' u mhux disgħa.

1.3 Is-Sindku ippropona l-minuti hekk kif korretti. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu. *Approvazzjoni tal-minuti 12_12_11_2012*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għas-seduta numru 11 rigward il-*bridge* ta' Triq Manwel Dimech. Is-Sindku informa li tkellem mal-Prim Ministru fejn irrakomanda li l-Kunsill jikteb lic-Chairman ta' TM. Is-Segretarju Eżekuttiv kiteb u bagħat ir-rapporti relatati ukoll. S'issa l-Kunsill għad ma rċeviex risposta. *Bridge fi Triq Manwel Dimech*

2.2 Sadanittant is-Sindku qal li l-Kunsill se jkun qiegħed iwaħħal tabelli 'No Access for Heavy Vehicles' bl-approvazzjoni ta' TM. Il-Kunsillier K. Busietta qal li filkaż jitwaħħlu tabelli 'No Parking' minħabba l-istess periklu. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-ġebel qiegħed jaqa sal-ħajt ta' Simon's Pub. Il-Kunsillier K. Busietta qal li dak il-ħajt huwa privat.

2.3 Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti biex il-Kunsill jirraporta lill-Pulizija biex jpoġġu *railing* bħala protezzjoni u biex tindika li hija area perikoluża.

2.4 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa sarx progress fuq l-approvazzjoni tal-*bye laws* tal-BBQ. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hu diġa ffformola xi punti pero jistgħu jiġu finalizzati la darba l-Kunsill ikollu l-avukat il-ġdid. *Bye laws dwar BBQ*

2.5 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar il-proċess għal avukat ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill se joħroġ tender ġdid u l-Kunsillier K. Busietta qiegħed jarah mill-att legali. *Tender għal Avukat tal-Kunsill*

2.6 Dwar punt 5 tas-seduta 11, is-Sindku rrefera għall-laqgħa ta' informazzjoni li saret għal Kunsilliera rigward il-kontroll tal-popolazzjoni tal-ħamiem selvaġġ min esperti fil-qasam ftit tal-jiem ilu. Kien hemm diskussjoni jekk isirx sparar jew jinqabbdu permezz ta' gaġġeġ. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li almenu nipprovaw li l-moħqrija tkun mill-inqas. Is-Sindku qal li l-Kunsill jinsab f'sitwazzjoni li bejn irid jeħles mil-problema tal-ħamiem selvaġġ u min-naħa l-oħra ma jridx li ssir moħqrija. Is-Segetarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li jekk il-Kunsill jagħżel li jinqatlu permezz tal-gaġeg inkunu irridu nużaw wieħed mill-ħaddiema tagħna biex imur iwassalhom bil-van tal-Kunsill il-biċċerija. Il-Kunsillier K. Busietta saqsa hemmx bżonn noħorġu tender. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jaf minn fejn jistgħu jinxtraw tali gaġeg. *Problema tal-ħamiem*

*Daħlet il-Viċi Sindku fis-18.35 għas-seduta*

2.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jġib aktar informazzjoni mill-Kunsill Lokali Gżira peress li qegħdin jagħmlu l-istess proċess. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti li jekk filkaż jinxtraw il-gaġeġ.

2.8 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-*Library Day* kienet interessanti u l-kelliema marru tajjeb ukoll. Il-Kunsillier M. Briguglio fakkar li jekk jistgħu jsiru xi *talks* fil- *Library Day*

Librerija tal-Kunsill nagħmlu kuntatt mal-librara tagħna. M Briguglio qal ukoll illi kumpanija privata għamlet donazzjoni ta' kotba lill-librerija, u li fil-jiem li ġejjin ser isir Wi-Fi u Photocopier kif diġa approvat mill-Kunsill.

2.9 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li rigward Memo 40/2012 dwar għajnuna lill-Kunsill Lokali li għandhom responsabbilita ta' Librerija Lokali, il-Kunsill għadda l-lista lill-Librara u qegħda tagħżel il-kotba li hemm bżonn għall-librerija. *Memo 40/2012 – Librerija Pubblika*

2.10 Is-Sindku irrefera għall-minuti tas-seduta 12 u informa li sar appell min-naħa ta' applikant dwar it-tender tal-knis. Il-Kunsill ġie infurmat li l-ħaddiema tal-*Cleansing Services Department* li naħdmu magħhom se jkunu jistgħu joffru s-servizz tagħhom sa' Marzu 2013 sakemm sa dak iż-żmien jkun laħaq inqata l-appell. *Tender dwar il-knis*

2.11 Is-Sindku tkellem dwar is-sitwazzjoni u l-attendenzi tal-latrini pubbliċi. Il-Kunsillier K. Busietta qal li għal bidu tas-sena dieħla l-Kunsill għandu joħroġ tender u jkollu kuntrattur ġdid. *Latrini Pubbliċi*

2.12 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li sa fejn jaf hu d-Dipartiment għal Gvern Lokali ma jallokax fondi għal manutenzjoni ta' latrini pubbliċi. Jiġifieri jekk il-Kunsill jiddeċiedi li joħroġ tender għat-tibdil u manutenzjoni dawn iridu joħorġu mill-fondi tal-Kunsill stess. Filwaqt li qal ukoll li jista jkollna diffikulta min se japplika minħabba s-sitwazzjoni li l-latrini mhumiex fi stat tajjeb.

2.13 Ġie nnotat li l-latrini pubbliċi għadhom tad-Dipartiment tal-Artijiet. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill għandu jipprova li dawn ikunu devoluti lilna. Is-Segretarju Eżkuttiv informa li din hija proċedura twila iżda li għanda issir. Huwa qal li ser jivverifika dan mad-Dipartiment għal Gvern Lokali.

2.14 Kien hemm diskussjoni sħiħa jekk għandiex tinħareġ tender għat-tindif jew biex issir *embellishment* ukoll tal-latrini pubbliċi. Il-Kunsillier Busietta saqsa jekk dan jistax issir minħabba li dawn mhumiex propjeta tal-Kunsill. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill m'għandux *ownership* tagħhom u għandna niċċekkjaw dwar id-devoluzzjoni u eventwalment naraw x'tender irid jinħareġ jekk hux għat-tindif jew għall-*embellishement* ukoll.

2.15 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa dwar il-Kuntratt tal-knis minħabba li hemm appell, jekk il-Kunsill jistax jaħdem għal xahar sakemm jinqata l-appell mal-Kuntrattur li l-Kunsill kien għażel oriġinarjament. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li la darba hemm appell, il-Kunsill ma jrid ikompli bl-istess kuntrattur li għandna fil-preżent. *Appell – Tender tal-iskart*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsillier K. Busietta irrimarka dwar il-pagamenti għad-dwalijiet tat-toroq.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-pagamenti għall-attivita tar-*Remembarance Day.* Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li din l-attivita kienet approvata mill-Kunsill.

3.3 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li importanti li bħala flyers nistampaw mill-inqas u

nħalluhom għall-attivitajiet l-iżjed importanti għaliex dan l-aħħar il-Kunsill qiegħed jistampa wisq *flyers*.

3.4 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa dwar il-kontijiet ta' Polidano Bros. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn huma dwar it-triq li l-Kunsill kien bena fi Qui-Si-Sana. Is-Segretarju qal li dawn il-kontijiet huma fi qbil ma' certifikazzjoni tal-periti ta' Transport Malta u jifformaw parti min xogħol taħt kuntratt tal-*Urban Improvement Fund* tal-MEPA.

3.5 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-kontijiet tal-*floodlights* u *zebra crossings*. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif kien hemm diversi *zebra crossings* mitfijin madwar Tas-Sliema li kellhom bżonn jissewwew. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li la darba l-kuntratt tad-dawl li għandna ma jinkludix speċifikament iz-*zebra crossings* il-Kunsill ħareġ *direct order*.

Il-Kunsillier K. Busietta qal li għad hemm iz-*zebra crossing* fejn Stella Maris mitfija. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din kienet issewwiet u li x'aktar reġa inqala xi ħaġa.

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

Is-Segretarju Eżekuttiv reġa ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-Mica Med u Med Developers li kienu nżammu *on hold* fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2012. Il-Kunsill qabel li dawn jitħallsu.

Is-Segretarju Eżekuttiv saqsa jekk il-Kunsill isibx oġġezzjoni li s-salarji u l-*allowances* jingħataw qabel il-Milied għal dan ix-xahar. Kien hemm qbil dwar dan.

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO-KUMITATI

4.1 Mill-Kumitat dwar l-Offerti Publiċi, is-Sindku qal li diġa ġie diskuss l-appell rigward it-tendeer tal-knis. Tqassam 'Doc A' u ġie approvat mill-Kunsilliera preżenti. *Kuntratt tal-knis*

4.2 Is-Sindku informa li l-Kunsill tela' jagħti x-xhieda tiegħu dwar l-appell tat-tender għat-tabelli u s-sinjali. Il-Kunsill irid jistenna d-deċiżjoni li titieħed mill-Bord tar-Revizjoni u jimxi skond tali deċizjoni.

4.3 Mis-Sotto Kumitat dwar it-Traffiku, s-Sindku issuġġerixxa li għal ċertu ġranet tal-Milied ikollna preżenza ta' pulizija tat-traffiku minħabba l-konġestjoni tat-traffiku li jinqala f'dawn il-jiem ta' festi u għal dan ikun hemm xi spejjeż. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti u l-ġranet bejn wieħed u ieħor se jkunu 8, 13, 15 u 16 ta' Diċembru 2012 bejn il-11am u s-2pm u bejn il-5pm u t-8pm. *Presenza ta' pulizija għal żmien il-Milied*

4.4 Saret diskussjoni jekk għandiex titressaq il-bus stop li hemm fi Triq it-Torri (fejn in-NEXT) l-idea biex ma jkunx hemm queue tat-traffiku. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja, u qabel li din għanda tiġi mressqa fl-istess triq

quddiem il-propjeta vakanti ta' Franceco Fenech, fejn TM stess issuġerew milux biex din titressaq. Is-Sindku spjega kif tali *shifting* għandu jnaqqas il-konġestjoni ta' traffiku fi Triq it-Torri u *Lower High Street*. Il-Kunsill qabel li din il-Bus Stop tiġi mressqa kif propost min TM. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill għandu jipnforma lit-TM b'din id-deċiżjoni u jgħamlu ix-xogħol huma.

## 5. KUNTRATT TAL-IMMANIGJAR TAL-ISKART RICIKLABBLI

5.1 Is-Sindku qara ittra mill-GreenMT fejn dawn infurmaw lil-Kunsill li se jwaqqfu s-servizz ta' ġbir ta' skart riċiklabbli mill-bidu ta' Jannar 2013. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saqsa parir mid-Dipartiment tal-Gvern jekk aħniex marbutin nibqgħu noperaw mal-GreenMT jew nistgħux nifthu *expression of interest*. Id-Dipartiment wieġeb li la darba l-kuntratt jiskadi, l-Kunsill mhuwiex marbut mal-GreenMT. Il-Kunsill qabel li jrid jinnegozzja servizz tajjeb ma' waħda min dawn l-iskemi. Il-Kunsill qabel li niktbu ittra liż-żewġ kumpaniji bit-talbiet tagħna, liema talbiet ser jiġu diskussi mill-Kunsill.

5.2 Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jikteb lil GreenMT biex jestendi s-servizz sa Frar 2013 sakemm il-Kunsill jilħaq jaġġudika l-kuntratt il-ġdid.

5.3 Il-Kunsill qabel li eventwalment l-offerti tal-iskemi jiġu diskussi fil-Bord tal-Offerti Publiċi. Il-Kunsilliera M. Aquilina żiedet tgħid li l-Kunsill għandu jevalwa l-offerti u jsir dak li jkun jaqbel għal Kunsill. Il-Kunsill qabel.

## 6. JUM MARITTIMU

6.1 Il-Kunsillier M. Briguglio issuġġerixxa li għal dan il-jum il-Kunsill jistieden l-għaqdiet sportivi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jista jkun hemm ukoll xi artisti jpinġu xeni tal-baħar u sajjieda jagħmlu jesibixxu s-snajja tagħhom. Il-Kunsill qabel ma din l-attivita u jrid japplika permezz ta' formola sal-31 ta' Diċembru 2012.

6.2 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa kif baqa l-Kunsill dwar is-*site* ta' Taormina. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li t-TM talbu għal *site plan* u l-Kunsill bagħta. *Taormina site*

6.3 Il-Kunsillier M. Briguglio irrimarka dwar il-*ponds* ta' Fond Għadir għaliex bil-maltemp daħal ħafna ġebel. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti li dawn jitnaddfu mil-materjal li daħal, u dak naturali jibqa hemm. *Ponds Ta' Fond Għadir*

## 7. SUĠĠERIMENT MILL-KUNSILLIERA

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar il-*Fixed Deposit Accounts* fejn fakkar li kien informa lill-Kunsill li se jġib kwotazzjonijiet għall-aħjar rati biex il-Kunsill jiddepożitu xi flus fissi. Il-Kunsill ma qabilx li norbtu flus għal sentejn biex ukoll ma norbtux Kunsill ta' warajna. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet ukoll li aħjar li ma tmurx tinqala xi emerġenza. Il-Kunsill, skond il-kwotazzjonijiet preżentati, qabel li għandu jorbot Euro 100,000 għal sitt *Fixed Accounts*

xhur u Euro 100, 000 għal sena mal-*Mediterranean Bank*.

7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar Memo 45/2012 li kien bagħat lill-Kunsilliera dwar Skema ta' Finanzjament ta' Inizjattivi Speċjali 2013. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm uħud mill-Kunsilliera rrispondew u qablu li napplikaw għal *embellishment* tal-bandli ta' Ġnien Indipendenza, fejn ukoll jiġu inklużi bandli għal persuni b'diżabilita. *Skema – Inizjattivi Speċjali 2013*

7.3 Il-Kunsilliera M. Aquilina talbet li tkun infurmata qabel ma jsiru proġetti relatati ma persuni b'diżabilta peress li hija inkarigata minn din ir-responsabbilita.

7.4 Il-Kunsilliera J. Pillow qal li filkaż nagħmlu area speċifika għal tfal b'diżabilita. Il-Kunsilliera M. Camilleri qalet li ma taqbilx għaliex hekk tiġi qisna qegħdin neskluduhom għalihom.

7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali irridu proġett u ssuġġerixxa li l-area tinqala u ssir mil-ġdid. Is-Sindku qal li l-Kunsill xorta waħda għandu jiffokaw għal proġett għal persuni b'diżabilita. *Bandli għal persuni b'diżabilta*

7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irid ikollu stima kompluta u tkun skont l-i*standards* kif iridu jsiru *playgrounds* b'*saftey measures*.

7.7 Is-Sindku qal li jekk ma' neħdux l-iskema l-proġett xorta għandu jsir. Kien hemm qbil dwar dan.

7.8 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jekk il-perit tal-Kunsill jafx l-i*standards* li jridu jkun hemm għal dan il-proġett minħabba persuni b'diżabilita. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jikkuntattja lill-Kunsillier M. Briguglio biex jirrakomanda nies professjonali għalhekk.

7.9 Il-Kunsillier J. Pillow qal li importanti li l-Kunsill jagħmel tabelli ċari li ma jistax isir tipjip fil-*playgrounds*. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li bħalissa għadna bla kuntratt minħabba l-appell u appena li din tiġi solvuta t-tabelli jkunu jistgħu jiġu ordnati. *Tabelli li ma jistax isir tipjip fil-playgrounds*

7.10 Is-Sindku ressaq talba minn San Girgor (*Catholic Action San Girgor*) għall-għajnuna finanzjarja. Il-Kunsill ma laqax din-talba għaliex ma jistax jagħti donazzjonijiet.

7.11 Is-Sindku infurma li l-Kunsill irċieva talba minn Toronto biex waħda mit-toroq bħal Nicolo Isouard tinbidel għal-isem. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni iżda filkaż m'għandiex tkun triq prinċipali. Il-Kunsill għandu jirreferi l-i*Street Naming Committee*. Il-Kunsiliera M. Briguglio qal li jekk se nressqu talba il-Kunsill għandu jerġa jressaq talba li kien ressaq snin ilu li tinbidel isem tat-triq għal Julian Manduca. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni pero qabel ukoll li m'għandux jitneħħa isem ħaddieħor. *Talba għall-ismijiet ta' toroq*

7.12 Is-Sindku qal li rċieva talba għal *no objection* minn Tas-Sliema Hotel biex tiġi estiża l-bankina biex ikun jista jpoġġi mwejjed u siġġijiet. *Talba għal estensjoni ta' bankina*

7.13 Il-Kunsilliera iddiskutew l-materja.

7.14 Il-Kunsill ma qabilx li ssir l-estensjoni u għandha tintbgħat oġġezzjoni.

7.15 Il-Kunsillier J. Pillow qal li jħoss li l-Kunsill baqa sieket dwar il-proġett tax-Xatt li qegħda tgħamel TM u żied jgħid li veru saru ħsarat fil-bankina il-ġdida wara x-xita li għamlet. It-tarmac ġdid beda jingħata ukoll waqt li bdiet nieżla ix-xita. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li taqbel mal-Kunsillier J. Pillow. Il-Kunsillier J. Pillow ilmenta ukoll dwar nuqqas ta' koordinament bejn it-TM u MRRA, biex isiru il-culverts tant bzonnjużi tax-Xatt. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-proġett li qiegħed issir huwa minħabba Bus Lane ġdida li għanda issir biex jiġi faċilitat it-trasport publiku u *embellishment* ġenerali tax-Xatt. Il-Kunsillier J. Pillow qal li issa l-bankina djieqet u dieħel aktar ilma mil-baħar fit-triq.

7.16 Il-Kunsillier P. Radmili qal li l-MRRA se jagħmlu l-proġett tal*car park* ix-Xatt, li miegħu ser isiru l-culverts mal-promenade l-ġdida. Ġie nnotat li l-pubbliku jrid jerġa jbatti mil-inkonvenjenza għaliex għad irid isir il-proġett tal-culverts.

7.17 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa x'se jagħmel il-Kunsill dwar it-*ticketing booths* li qed jostakolaw il-*promenade* il-ġdida fix-Xatt. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien kiteb lill-Lands dwar din il-materja. Il-Kunsillier K. Busietta irrimarka li hemm emails mil-Lands li jindikaw li dawk huma bla permess. Il-Kunsill għandu jikteb lil Lands u l-Pulizija.

7.18 Il-Kunsilliera M. Camilleri tkellmet dwar il-bżonn ta' manutenzjoni għal *cat's cafe* fi Ġnien Indipendenza. Kien hemm qbil li jsir manutenzjoni. *Cat's Cafe*

*Il-Kunsillier J. Pillow ħareġ ftit mis-seduta fid-20.50*

7.19 Il-Kunsilliera M. Aquilina rrimarkat li hemm *pole* quddiem entratura ta' Triq Manwel Dimech u li dan hemm bżonn li jitneħħa minħabba li qed jostakola il-passaġġ. Il-Kunsill qabel li għandu jitħalla aċċess aktar liberu għal dħul u ħruġ minn din l-entratura. *Triq il-Ħnejja*

7.20 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li rċieva rapporti li l-furnar li hemm fi Triq San Trofimu għandu ċ-ċumnija li qegħda ddaħħan b'mod eċċessiv. Il-Kunsill għandu jirraporta lil MEPA. *Ċumnija fi Triq San Trofimu*

7.21 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li qiegħed jiżdied is-serq u *mugging* f'Tas-Sliema. *Serq f'Tas-Sliema*

*Il-Kunsillier J. Pillow daħal lura għas-seduta 20.55*

7.22 Is-Sindku fakkar ukoll li kien anke sar każ fatali minħabba każ ta' serq. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel aktar pressjoni mal-pulizija.

7.23 Il-Kunsillier P. Radmilli ippropona li għandha ssir konferenza/*half day*

*seminar* xi Sibt fil-lokalita Tas-Sliema fejn il-Kunsill jistieden diversi esperti biex niddiskutu din il-problema. Is-Sindku qal li għandu jiltaqa mas-Supretendent D'Anastas il-ġimgħa d-dieħla u għandu jinformah.

7.24 Il-Kunsillier J. Pillow qal li rċieva lmenti li l-ħanut ID Cafe f'*The Strand* mhux iħalli passaġġ liberu fuq il-bankina, minħabba l-imwejjed u siġġijiet li joħroġ. Is-Segretrarju qal li diġa rrapporta dan lid-Dipartiment tal-Artijiet.

7.25 Il-Kunsillier K. Busietta qal li wara intervent tal-Bord dwar l-Immaniġjar tal-Kostruzzjoni, inbena *boundary wall madwar parti tal*-Holiday Inn f'Tigne. Huwa issuġerixxa li jsir kuntatt ma artisti tal-graffiti biex dan il-ħajt jingħata dehra isbaħ.

7.26 Il-Kunsillier K. Busietta qal li fi Triq il-Kbira (il-parti t'isfel) hemm bżonn li jitwaħħlu żewġ *traffic mirrors*. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir il-Ħamis 17 ta' Jannar 2013 fis-6 ta' filgħaxija. Is-seduta ntemmet fid-21.10.

Minuti approvati llum

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**